**Qorti Civili**
**(Sezzjoni tal-Familja)**

**Onor. Imhallef Robert G. Mangion, LL.D.**
**Dip.Tax (MIT), P.G.Dip. Mediation (Melit.)**

**Illum 27 ta’ Ottubru 2016**

Rikors Guramentat Nru. 161 / 06RGM

Kawza fil-lista: 15

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attrici li permezz taghha ppremettiet u talbet is-segwenti:-

1. Illi l-kontendenti zzewgu nhar id-19 ta' Gunju 1983 fil-Kappella tal-Madonna ta' Lourdes, Floriana. Malta skont ic-certifikat taz-zwieg;

2. Illi l-hajja konjugali bejn il-kontendenti m'ghadhix aktar possibbli minhabba theddid, sevizzi. rnohqrija u ingurji gravi imputabbli ghall-intimat kontra r-rikorrenti, kif ukoll minhabba nuqqas ta' kompatibilita' ta' karattru.

3. Illi miz-zwieg ta' bejn il-kontendenti twieldu tlett itfal u cioe' Gail illi ghandha 22 sena, Julian illi ghandu l9 il-sena u Kristina illi ghandha 11 il-sena.

4. Illi l-esponenti giet debitament awtorizzata tipprezenta din il-kawza permezz digriet moghti minn din l-Onorabbli Qorti fl-10 ta’ April 2006;

5. Illi l-esponenti ilha barra mid-dar konjugali ghal dawn l-ahhar sentejn u dan ghaliex hija ma setghetx tissaporti tghix fid-dar konjugali minhabba l-fatt illi l-intimat ibati minn obsessive compulsive disorder u li inoltre ma setghetx

tissaporti l-kontroll eccessiv tieghu u l-ghira spjetata tieghu sahansitra ghall-membri tal-familja tal-esponenti stess u inoltre minhabba li l-esponenti meta kien jaf illi z-zwieg tieghu kien qieghed hazin u fi zmien meta martu ma kinitx trid ikollha x'taqsam mieghu sesswalment, dana kien xorta wahda kien jaghmillha 1-avvanzi u jipprova diversi drabi b'forza jiehu dak li jrid minnha.

6. Illi l-esponenti ma setghetx tkompli tghix aktar f' din is-sitwazzjoni u spiccat biex telqet mid-dar konjugali u marret tghix f'appartament ghar-rasha u llum il-gurnata peress illi hija ma tiflahx thallas il-kera tal-istess appartament hija qieghda tghix ma' ohtha .

7. Illi matul dan iz-zmien u sal-gurnata tallum, l-esponenti qatt ma vversa manteniment lill-martu u/jew lill-uliedu minuri tant illi l-esponenti kellha tohrog tahdem sabiex din tkun tista tmanti lilha nfisha u lil bintha minuri.

8. Illi l-esponenti ghamlet minn kollox sabiex din tirrisolvi l-problemi ta' bejniethom bonarjament pero` l-intimat baqa' qatt ma ried jasal u baqa jiffissa illi r-relazzjoni kienet wahda tajba u li l-esponenti thobbu kif hu ihobb lilha.

9. Illi ghalhekk, fid-dawl ta' dan kollu l-esponenti ma kien fadalla l-ebda triq ghajr li tipprocedi bi proceduri tas-separazzjoni odjerni.

In vista tal-premess, jghid l-istess intimat ghar-ragunijet premessi u dawk li ghandhom jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

(a) tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghar-ragunijiet imputabbli lill-konvenut u ghall-finijiet tal-Artikolu 48(c) tal-Kodici Civili (Kap. XVI) tistabbilixxi d-data meta l-istess intimat ghandu jkun kunsidrat li minnha kien hati tal-firda.

(b) takkorda l-kura u l-kustodja tat-tifla minuri Kristina lill-esponenti bid-dritt ta' access lill-intimat.

(c) tiffissa manteniment xieraq ghall-attrici u ghall-bintha minuri Kristina skont il-mezzi tal-intimat u l-bzonnijiet tal-esponenti u tal-minuri Kristina u konsegwentement tikkundannah ihallas 1-istess manteniment lill-attrici, liema manteniment ikun pagabbli mill-intimat lill-istess esponenti fil-gimgha jew fix-xahar kif ordnat minn din il-Qorti, jew jekk hekk jidher xieraq lill-istess Qorti tordna lill-intimat sabiex ihallas lil martu l-esponenti ghaliha u ghal-bintha minflok dak il-manteniment kollu jew parti minnu, somma globali li fil-fehma tal-Qorti tkun bizzejjed sabiex l-esponenti tkun f'posizzjoni tghajjex lilha nfisha u lil

bintha Kristina u konsegwentement tordna lill-attur ihallas il-manteniment hekk iffissat lill-intimata.

(d) tawtorizza lill-esponenti tghix separatament minn ma’ zewgha l-konvenut.

(e) tapplika kontra l-konvenut interament jew in parti d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 48 tal-Kodici Civili, Kap XVI.

(f) tiddikjara xjolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti, tillikwida l-istess komunjoni u tordna li l-istess oggetti, mobbili u mmobbili, formanti l-komunjoni tal-akkwisti, jigu maqsuma f'zewg porzjonijiet komposti kif jigi ordnat u stabbilit minn din il-Qorti, in vista inter alia tad-dati tal-akkwist tad-diversi oggetti formanti l-istess komunjoni u tad-data stabbilita minn din il-Qorti bhala d-data meta 1-istess intimat ghandu jigi kkunsidrat li minnha kien hati tal-firda, liema porzjonijiet jigu assenjati wahda lill-esponenti u ohra lill-intimat billi, okkorendo ghal finijiet ta' din it-talba, jigi nominat perit biex jaghmel likwidazzjoni mitluba u jipproponi l-pjan tal-qasma, Nutar sabiex jircievi l-att relattiv u kuratur biex jirrapprezenta l-eventwali kontumaci tal-konvenut fuq l-istess att.

(g) tikkundanna lill-intimat jikkonsenja lill-esponenti l-beni kollha dotali u parafernali taghha u separatament tordna illi l-espoenti tigi moghtija l-piena amministrazzjoni tal-beni parafernali taghha.

(h) tawtorizza lill-attrici illi tirregistra ossija tntzzel fir-Registru Pubbliku s-sentenza eventwalment moghtija minn din il-Qorti.

(i) tawtorizza lill-esponenti tghix fid-dar konjugali Primrose, Mons. Innocent Zammit Street, Msida flimkien ma’ bintha Kristina ad eskluzzjoni ta' zewgha l-intimat.

Bl-ispejjez komprizi dawk inkorsi fil-proceduri ta' medjazzjoni, kontra l-intimat illi minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

1. Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li permezz taghha qed jopponi ghat-talbiet attrici kif ikoll il-kontro talba tieghu fejn ippremetta u talabis-segwenti:-

Rat il-kontro-talba tal-konvenut li taqra kif gej:-

1. Premess illi huwa minnu li l-konvenut / intimat inghaqad fiz-zwieg mal-attrici / rikorrenti u mir-relazzjonijiet intimi taghhom kellhom tliet itfal, attwaltment erbat itfal kif gia gie sottomess imma li wiehed minnhom twieled 'still

born' u allura ghandhom tlett itfal cioe' Gail li llum ghandha l-eta' ta' tnejn u ghoxrin sena, Julian li llum ghandu l-eta' ta' dsatax -il sena u l-minuri Kristina li llum ghandha l-eta' ta' hdax-il sena: dawn it-tliet ulied jirrisjedu d-dar konjugali "Primrose", Monsinjur Innocenz Zammit Street gewwa l-Imsida, u kollha jiddependu ghall-ghixien taghhom mill-imsemmi missierhom.

2. Premess illi f'din il-kawza ghalhekk m'hemmx kwistjoni ta' xi manteniment ghal xi tfal minuri billi l-uniku minuri li hemm Kristina ta' hdax -il sena attwalment ukoll tirrisjedi ma' missierha u l-kura u kustodja taghha ghandha tigi f'idejn il-konvenut / intimat minhabba l-adulterju ta' A B, il-hajja mmorali ta' A B, il-fatt li A B tikkoabita ma' rgiel ohra l-ahhar wiehed odjernament huwa Adrian Bajada

3. Premess illi dan iz-zwieg tfarrak irrimedjabilment mhux ghar-ragunijiet moghtija mill-attrici / rikorrenti imma proprju ghal kuntrarju u ghalhekk l-attrici / rikorrenti ghandhom jittiehdu proceduri legali kontra taghha ghal gurament falz fejn litteralment taghha taghtu lill-konvenut / intimat zewgha, anzi kellha d-dicenza l-attrici / rikorrenti li ma takkuzax lil zewgha b'xi adulterju li jidher li huwa wiehed mill-passatempi favoriti tal-istess attnci / rikorrenti.

4. Premess illi ghalhekk iz-zwieg ta' bejn il-kontendenti konjugi B tfarrak minhabba l-adulterju ghal diversi drabi tal-istess attrici / rikorrenti u fejn l-ahhar sieheb li qeghda tghix mieghu jismu Adrian Bajada u li mieghu qeghda tikkoabita fil-mument li qeghda tinkiteb din ir-Risposta Guramentata kontenenti n-Nota tal-Eccezzjonijiet u l-Kontro-Talbiet tal-konvenut / intimat fl-indirizz - omissis -

5. Premess illi dan iz-zwieg tfarrak ukoll minhabba l-eccessi, mohqrija, theddid jew offizi gravi da parti tal-attrici / rikorrenti kontra l-konvenut / intimat zewgha u t-tliet uliedha li tnejn minnhom huma maggorenni, b'mod illi l-hajja flimkien ilha li ma baqghetx aktar possibbli ghaliex dan iz-zwieg issa tkisser irrimedjabilment minhabba l-istil ta' hajja xejn edifikanti li riedet tghix l-attici / rikorenti pero' fejn il-konvenut / intimat ma hallihiex tirrikattah billi l-konvenut / intimat ma xtaqx illi l-proceduri jaslu s'hawn imma lanqas kien imhejji li jcedi kollox biex proprju jinkuruna l-kapricci zienja, mmorali, egoistici, u sfaccati da parti tal-attrici / rikorrenti.

6. Premess illi l-proceduri antecedenti ghal din il-kawza ta' firda legali hadu zmien twil u dana ghaliex l-proceduri tal-Medjazzjoni ntuzaw bi sforzi pressanti biex il-konvenut / intimat jikkoncedi halli jersaq ghal firda legali konsenswali waqt illi l-konvenut / intimat konstantament serraq fuq il-punt illi minkejja l-adulterju u l-kapricci, l-abbuzi u l-abbandun da parti tal-attrici / rikorrenti martu, huwa ma kien ha jaqa' ghal ebda nassa taghha, la fattwali u lanqas legali, u premess illi l-konvenut / intimat qieghed izomm lil martu bhala responsabbli

mhux biss ghat-tifrik ta' dan iz-zwieg, imma ghat-tifrik ta' hajja ta' uliedhom, kif dawn sejrin jigu affettwati fil-hajja adulta taghhom anka jekk tnejn minnhom diga' huma maggorenni, u l-konsegwenzi li dan l-agir immorali u kapriccuz, egoistiku u sfidanti da parti tal-attrici / rikorrenti ser jaffettwa wkoll terzi persuni kagun ta' l-imgieba li ulied il-kontendenti konjugi B ghad jirreagixxu fuqhom fil-konfront tan-nisa u l-irgiel fil-hajja taghhom 'il ghaliex l-analizi ta' dawn l-ulied sejra tkun ghala huma kellhom jigu vittimizzati b' dan il-mod mill-kiefra ommhom!

7. Premess illi l-konvenut / intimat da parti tieghu ma inizzjax il-proceduri tal-Medjazzjoni imma bhala intimat huwa qieghed jivvantagga mhu minn Artikolu 37 tal-Kapitolu l6 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti li gew fis-sehh f'Dicembru tas-sena 2003 rigwardanti l-Medjazzjoni biex jaghmel tieghu d-Digriet moghti minn dina l-Onorabbli Qorti nhar 1-10 ta' April.2006 a bazi tad-dokument B esebit mal-Atti Processwali ta' din il-kawza, waqt li jerga' jsir referenza ghad-Dokument A ossija c-certifikat taz-zwieg iccelebrat fil-Kappella tal-Madonna ta' Lourdes gewwa l-Furjana nhar il-Hadd, 19 ta' Gunju, tal-1983 u mhux kif eronjament indikat mill-istess attrici / rikorrenti fir-Registru Pubbliku ta' Malta, zball li wegga' hafha lill-konvenut / intimat li huwa devotissimu u bniedem ta' fibera morali u religjuza qawwija.

8. Premess illi l-gurament tal-attrici / rikorrenti huwa wiehed a dirittura falz billi kienet l-attrici / rikorrenti li abbandunat id-dar konjugali biex tghix ma' rgiel ohra u ma huwa minnu xejn li hija qed tirrisjedi ma' ohtha Jennifer Azzopardi mart Simon gewwa Santa Venera 'il ghaliex lil din il-koppja l-attrici / rikorrenti uzathom bhala 'decoy' u effettivament l-attrici / rikorrenti l-ewwel ikkoabitat ma' Mario Fenech li umbaghad wara li kellha incidenti serji mieghu waqt li dawn kienu fuq safra awenturuza naturalment barra mill-Gzejjer Maltin u Ghawdxin, issa l-attrici / rikorrenti qeghda tikkoabita ma' dana Adrian Bajada f' San Gwann, kif facilment jigi korroborat u pruvat fil-mori ta' din il-kawza.

9. Premess illi ghalhekk raguni ohra ghat-tifrik ta' dan iz-zwieg hija bazata fuq l-Artikolu 41 minhabba l-abbandun mid-dar konjugali tal-istess attrici / rikorrenti u allura fic-cirkostanzi ghandhom jigu applikati bl-aktar mod rigoruz u fil-konfront tal-attrici / rikorrenti l-effetti kollha tal-Artikolu 48 subartikolu 1 u 2 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, apparti mill-fatti li l-attrici / rikorrenti ghandha tigi dikjarata li tilfet kull jedd li taccedi ghad-dar kojugali li f'kull kaz dejjem hallasha l-konvenut / intimat zewgha bl-gharaq ta' xbinu waqt li l-attrici / rikorrenti dejjem titbahrad u tiddeverti.

10. Premess illi ghalhekk fid-dawl anka tad-Dikjarazzjoni Guramentata tal-konvenut / intimat gia mitqala fl-Ewwel Parli tar-Risposta Guramentata tal-konvenut / intimat, kif ukoll mal-premessi li hawn ghadhorn kif gew indikati tghid

l-attrici / rikorrenti ghala dina l-onorabbli Qorti m'ghandhiex tevalwa, taqta', tiddeciedi u tordna li:-

II. KONTRO-TALBIET

i. li dan iz-zwieg li huwa registrat bin-numru 1085/1983 fir-Registru Pubbliku ta' Malta tfarrak irrimedjabilment minghajr ebda tama ta' rikonciljazzjoni minhabba t-tortijiet unikament attribwibbli lill-attrici / rikorrenti fid-dawl tal-provi kollha miktubin u / jew mitqala, li rrizultaw fil-mori ta' din il-kawza.

ii. li din il-firda legali atribwibbli lill-attrici / rikorrenti ghandha tfisser formalment li jintemmu ghall-effetti kollha Civili, l-obbligu ta' bejn il-kontendenti konjugi B li jghixu flimkien, pass li minn jeddha u ghall-kapricci taghha l-attrici / rikorrenti ilha zmien konsiderevoli li qabdet u hadet u ddecidiet fuqu.

iii. l-attrici / rikorrenti B A li ghandha n-numru tal-karta tal-identita' ….omissis….. hija hatja ta' adulterju 'in flagrante' ma' diversi rgiel a bazi ta' Artikolu 38 tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u allura ghandha wkoll apparti milli tinzamm responsabbli ghat-tifrik irrimedjabbli ta' dan iz-zwieg bejn il-kontendenti B, tinghata s-sanzjonijiet kollha prevedibbli mill-ligi bl-aktar mod rigoruz partikolarment fid-dawl ta' Afiikolu 48 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

iv. l-attrici vvjolat bl-aktar mod serju l-Artikolu 40 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta u ghandha tinzamm responsabbli ghall-eccessi, mohqrija, theddid jew offizi gravi da parti taghha kontra l|-ghaziz konvenut / intimat zewgha C kif ukoll kontra kull wiehed mit-tliet uliedha Gail, Julian u Kristina (din tal-ahhar ghadha minorenni) u partikolarment ghall-iskandli li kienet responsabbli biex taghtihom u baqghet taghtihom u li f'termini bibblici ahjar taqbad mazra, torbotha m'ghonqha u tmur tintefa' mill-gholjiet biex biha titfarrak u teghreq mill-iskandli li inevitabilment wettqet fuq 1-istess uliedha bil-konsegwenzi li ghad irid ikun hemm.

v. illi dan iz-zwieg tkisser irrimedjabilment ukoll minhabba 1-abbandun mid-dar konjugali tal-attrici / rikorrenti a bazi ta' Artikolu 41 tal-Kodici Civili u mhux a bazi tal-qerq biex tizvijja lil dina l-Onorabbli Qorti li bil-gurament falz taghha ipprogettat l-attrici / rikorrenti fil-paragrafu 5 tar-Rikors Guramentat taghha, li l-kontenut ta' liema paragrafu huwa kollu hlieqa tal-attrici / rikorrenti biex tostor l-abbuzi konjugali minnha mwettqa.

vi. considerando li l-attrici / rikorrenti gia abbandunat id-dar konjugali, gia ccapset billi kkoabitat ma' diversi rgiel partikolarment ma' Mario Fenech u Adrian

Bajada attwalment, u ma tirresjedix fid-dar konjugali gewwa l-Imsida, allura dina l-Onorabbli Qorli ghandha tikkonferma 'pendente lite' li d-dar taz-zwieg ma tkunx accessibli ghar-rikorrenti / attrici u li anka fil-konfront tal-attrici / rikorrenti dina l-posizzjoni ghandha tigi kkonsolidata billi d-dar konjugali tigi assenjata in toto lill-konvenut / intimat billi dan m'ghandux fejn imur u lanqas ghandu jigi kkastigat hu u t-tliet uliedu ghall-kapricci ta' martu l-attrici / rikorrenti li tista' tmur toqghod fejn trid minghajr ma tkun intitolata lanqas ghas-sehem taghha mid-dar konjugali bhala proprjeta' minhabba li kienet l-attnci / rikorrenti unikament responsabbli ghat-tifrik ta' dan iz-zwieg ghal ragunijiet legalment u fattwalment serjissimi.

vii. li fir-rigward tal-manteniment 'pendente lite' 1-attrici / rikorrenti m'ghandhiex tkun intitolata ghal ebda forma ta' retta alimentari da parti ta' zewgha l-konvenut / intimat, kif qeghda titlob l-attrici / rikorrenti fit-tielet talba taghha fir-rikors guramentat taghha u dana minhabba ragunijiet legalment fondati bbazati fuq artikoli 38, 40 u 41 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, skont kif jirrizulta u gia qed jirrizulta mill-Atti Processwali, miktubin u mitqala, ta' din il-kawza odjerna.

viii. li l-attrici / rikorrenti ghandha tkun obbligata li tivversa retta alimentari lill-konvenut / intimat zewgha u lil bint minuri Kristina issa ta' hdax -il sena u anke taghti kumpens liz-zewg uliedha maggorenni ghat-tifrik li gabitilhom f'hajjithom, fid-dar konjugali, u fil-hajja normali taghhom u li bl-ebda mod l-istess attrici / rikorrenti m'ghandha tkun reciprokament intitolata ghal ebda forma ta' kumpens jew manteniment ghat-tifrik fiz-zwieg li gabet hija stess b'idejha biex timrah fir-renju tal-kapricci fizici u mmorali taghha.

ix. l-kura u kustodja ta' l-uniku wild minuri li ghad baqa' ossija Kristina ta' hdax -il sena odjernament ghandha tigi rikonoxxuta li gia qeghda effettivament f'idejn il-konvenut / intimat u allura ghandha tigi formalment fdata lill-konvenut / intmat bir-rizultati kollha konsegwenzjali u mhux kif qecl jigri bhalissa li c-childrens allowance, il-family bonus, il-family allowance qed tehodhom l-attrici / rikorrenti, minghajr ma din qatt ma hadet hsieb lill-bint minuri u fejn l-istess bint minuri talbet lil missierha biex ma jibghathiex aktar torqod fejn tkun ommha galadarba din tkun fil-prezenza ta' dawn l-irgiel, l-ahhar wiehed proprju dan Adrian Bajada, u forsi ohrajn li ghad irid ikun hemm fil-hajja fellerata tal-attrici / rikorrenti.

x. l-effetti kollha tal-Artikolu 48 sub-artikolu 1 u 2 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta ghandhom jigu rigorozikament applikati kontra l-attrici / rikonenti b'mod illi hija titlef il-jeddijiet imsemmijin fl-Artikolu 631, 633, 633A, 825, 826 u 827 tal-Kodici Civili, u l-effetti kif indikati fil-paragrafi (b), (c), u (d) tas-sub artikolu 1 tal-istess Aftikolu 48 tal-Kodici Civili tal-Ligijiet ta' Malta.

xi. l-effetti tal-Arlikoli 57, 52, 53 tal-Kodici Civili ghandhom ikunu applikabbli u applikati b'rigorozita' kontra l-attrici / rikorrenti u bl-aktar mod manjanimu fir-rigward tal-konvenut / intimat u dana minhabba l-provi li rrizultaw fil-mori tal-kawza fl-intier taghha kollha.

xii. ghandu jkun applikat l-Artikolu 54 tal-Kodici Civili favorevolment ghall-konvenut / intimat u decizament kontra rrikorrenti / attrici u dana fir-rigward tas-sub artikolu 1 sas-subartikolu 7 it-tnejn inkluzi, b'mod illi taht l-ebda cirkostanza ma l-attrici / rikorrenti tinghata ebda forma ta' manteniment imma jibqalha l-obbligu li tivversa manteniment lil zewgha l-konvenut / intimat u lill-bint minuri Kristina fil-mument ta’ intavolar ta' din ir-Risposta Guramentata tal-eta' ta' hdax -il sena.

xiii. ghandha tigi likwidata l-Komunjoni tal-Akkwisti ezistenti bejn il-partijiet, fid-dawl tal-Artikolu 55 sub-artikolu 7 u 2 tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, b'mod illi ma tiehu xejn minnha l-attrici / rikorrenti - omissis - u ghalhekk considerando li l-attrici / rikorrenti farrket irrimedjabilment dan iz-zwieg b'konsegwenzi serjissimi u ta' tbatija kbira ghall-konvenut / intimat u t-tliet r-uliedhom, xejn mill-likwidazzjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti m'ghandu jigi versat fir-rigward tal-attrici / rikorrenti izda kollox ghandu jmur fil-pussess u bhala proprjeta' tal-intimat / konvenut.

xiv. ghandu jigi applikat l-Artikolu 55 A tal-Kodici Civili Kapitolu 16 b'mod illi d-dar konjugali li hija sitwata gewwa l-Imsida ghandha tigi assenjata 'in toto' lill-konvenut / intimat, u bhala konsegwenza l-attrici / rikorrenti ghandha tigi ordnata definittivament biex tallontana ruhha ghal dejjem minn din id-dar konjugali, li fiha ghandhom ikunu ntitolati li tibqa' tirrisjedi wkoll il-bint minuri Kristina, apparti fid-diskrezzjoni tal-konvenut / intimat missierhom taz-zewg ahwa maggorenni ossija Gail ta' tnejn u ghoxrin sena u Julian ta' dsatax -il sena, u dana fid-dawl ta' provi abbastanza li rrizultaw fil-mori ta' din il-kawza fl-Atti kollha taghha.

xv. ghandu jkun applikat favur il-konvenut / intimat l-Artikolu 56 tal-Kapitolu l6 tal-Ligrjiet ta' Malta partikolarment fil-konfiont tal-minuri ta' Kristina ta' hdax -il sena u dana b'mod illi din tigi definittivament ikkonfermata li hija effettivament taht il-kura u kustodja ta' missierha, bid-drittijiet illi konsegwenzjalment il-konvenut / intimat jirrizultawlu minn din id-decizjoni u anka bit-tehid ta' arretrati ta' kwalsiasi beneficcji li vvantaggjat ruhha minnhom l-attrici / rikorrenti meta effettivament il-minuri ma kienetx qeghda tirrisjedi maghha jew taht il-kura u kustodja taghha.

xvi. jigi applikat l-Artikolu 62 sub-artikolu 2 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fis-sens illi l-konvenut / intimat qieghed formalment jitlob lil dina l-

Onorabbli Qorti li tipprojbixxi lil martu attrici / rikonenti milli tkompli tuza kunjomu ossija B wara 1-pronunzjament tal-firda legali, u dana peress li dak l-uzu jista' jkun ta' pregudizzju gravi lir-ragel rninhabba l-hajja mmoralment xellerata tal-attrici / rikorrenti, liema attrici / rikorrenti ghandha tirriverti ghal kunjom xbubitha ossija Zammit.

xvii. ghandhom ikunu applikabbli tal-Artikolu 62 A u 66 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta b'mod illi jigu salvagwardati l-interessi ta' terzi partikolarment fil-konfront tal-konvenut / intimat u dan skont id-direttivi u l-provedimenti li joghgobha taghti dina l-Onorabbli Qorti.

xviii. l-ispejjez gudizzjarji u extra gudizzjarji konnessi ma' dawn il-proceduri ghandhom ikunu supportati mill-attrici / rikorrenti u dana billi jirrizulta manifestament li hija kienet unikament responsabbli ghat-tifrik ta' dan iz-zwieg u m'huwiex gust illi piz finanzjarju ta' kwalsiasi forma ghandu jigi supportat mill-konvenut / intimat li bl-ebda mod ma kien hati ghat-tifrik ta' dan iz-zwieg bejn il-kontendenti konjugi B li jgib in-numru ta' registrazzjoni 1085/1983 fir-Registru Pubbliku ta' Malta.

xix. il-konvenut / intimat ghandu jigi kkumpensat u jinghata lura xi ammonti ta' flus li setghu gew ivversati jew li gew ivversati lill-attrici / rikorrenti bhala manteniment jew xorta ohra u dan mill-mument li jigi pruvat l-adulterju taghha a bazi ta' Artikolu 38 tal-Kodici Civili, u l-abbandun taghha mid-dar konjugali a bazi ta' Artikolu 41 tal-Kodici Civili, b'mod illi l-attrici / rikorrenti ghandha tigi obbligata li tirrifondi lil zewgha l-konvenut / intimat tali ammonti ta' flus kif jirrizultaw minn prospett guramentat li l-konvenut / intimat jissottometti lil dina 1-Onorabbli Qorti fil-mori ta' din il-kawza.

11. Bl-ispejjez kollha gudizzjarji u extra gudizzjarji, kontra r-rikorrenti / attrici A B li ghandha n-numru tal-karta tal-identita' ….omissis….. li minn issa tigi ngunta in subizzjoni.

Rat id-digriet taghha li permezz tieghu nnominat lil Dr Christine Bellizzi bhala Perit Legali biex tirrelata dwar it-talbiet attrici. L-ispejjez peritali kellhom jithallsu nofs mill-attrici u nofs mill-konvenut. Ghalkemm l-attrici hallset sehemha mill-ispejjez mhux l-istess ghamel il-konvenut li baqa' sa l-ahhar jghid li ma kellux minn fejn ihallas sehemu. Il-Qorti ghalhekk kienet kostretta illi tghaddi ghad-decizzjoni finali minghajr ma tiehu konjizzjoni tar-rapport peritali. Irid jinghad illi ghalkemm il-Qorti ma haditx konjizzjonijiet tal-konkluzzjonijiet peritali tal-Perit Legali, il-provi kollha migbura mill-Perit Legali jifformaw partimill-atti u l-Qorti hadet konjizzjoni taghhom. Tenut kont li l-konvenut kien ilu s-snin jaf li ghandu jaghmel tajjeb ghal sehemu mill-ispejjez tal-perizja, il-Qorti ma tqisx bhala raguni valida dik imressqa mill-konvenut fejn sostna li ma

kellux minn fejn ihallas. Il-konvenut kellu z-zmien kollu disponibbli sabiex jiehu hsieb li meta jasal il-waqt johrog sehemu tal-ispejjez peritali. In-nuqqas tieghu wassal ghal sitwazzjoni fejn l-attrici hallset sehemha minghajr mar-rapport gie pprezentat. Il-Qorti fic-cirkostanzi qed tiddeciedi illi l-ispejjez tal-perizja ghandu jaghmel tajjeb ghalihom il-konvenut fl-intier taghhom. Ghalhekk tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici l-ammont li hija hallset bhala parti mill-ispejjez tal-perizja.

Rat il-provi u semghet ix-xhieda rispettivi tal-partijiet.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat:

Fl-ewwel lok din il-Qorti tinnota illi in kwantu bint il-partijiet Kristina saret maggorenni fil-mori ta' din il-kawza, isegwi li l-mertu tat-talbiet li jirrigwardaw il-kura u l-kustodja taghha, ic-*children's allowance* u kwistjonijiet ohra rigwardanti tfal minuri, illum huma ezawriti.

*PROVI*

**Provi attrici**

Xehed **Simon Azzopardi** (fol 407) li huwa r-ragel ta' oht l-attrici u li spjega li erba` jew hames snin qabel l-attrici kienet fethet qalba mal-mara tieghu dwar il-problemi li kellha mal-konvenut. Hu kien kellem lill-konvenut dwar l-attitudni li kellu lejn l-attrici u li biha hi kienet qed tkun imdejqa. Jghid li l-affarijiet kienu trangaw izda mbaghad regghu tfaccaw. Jghid li l-attrici kienet qaltlu li ma kinitx idea tajba li jkellem lill-konvenut ghaliex ma kienx ha pjacir. Ghalhekk kellem lill-kugin tal-konvenut Victor. Izda l-ghada li kellmu, semghu li l-attrici kienet hadet xi pilloli u ntilfet minn sensiha u ddecidew li l-ahjar soluzzjoni kienet li tmur tghix ghand ohtha Michelle. Jghid li sar jaf li l-attrici hadet il-pilloli meta saret taf li Victor ried ilaqqa` lill-partijiet.

Jghid li sakemm l-attrici kienet qed tghix ma' ohtha, huwa baqa` jkellem lill-konvenut dwar l-atitudni tieghu, il-hajja monotona, il-kliem tieghu li kien iwegga` lill-attrici, kien anke jinsinwa li kienet mara li tigri. Jghid li l-konvenut kien dejjem jitkellem negattivament dwar l-attrici mat-tfal u mal-mara u mal-qraba in generali. Jghid li kien juza lit-tfal biex iweggaghha, tant hu hekk li marret lura d-dar. Jghid li milli seta` jara, hi kienet omm ezemplari.

Jghid li l-partijiet kienu qablu li l-attrici kellu jkollha kamra ghaliha. Wara xi zmien kienet spiccat l-isptar u wara ghamlet xi tmien xhur tghix maghhom. Jghid li wara li telqet minn ghandhom u marret tghix xi mkien iehor sar jaf li ghandha boyfriend, izda meta kienet ghandhom ma kellhiex boyfriends. Jghid li darba kellem lil dan il-boyfriend gewwa l-lukanda Hilton.

Xehdet **Michelle Mallia**, oht l-attrici, (fol. 410) li qalet inter alia, illi l-ewwel burraxka bejn il-partijiet inqalghet fis-sena 1999 jew 2000, meta l-attrici kienet tkun imdejqa ghaliex il-konvenut kien dejjem jinsinwa li tigri barra jew jallega li tipprova tittanta lill-irgiel. Tghid li qatt ma kienu johorgu maghhom u dejjem id-dar u l-konvenut kien ukoll jghir ghar-ragel ta' ohtha Jennifer. Tghid li l-konvenut sahansitra kellu oggezzjoni li tghaddi tiehu kikkra te ma' hu l-konvenut u l-mara tieghu ghaliex ghalih kien qisu giri barra.

Tghid li madwar is-sena 2004, l-attrici hadet overdose ta' pilloli u marret ghand il-mara ta' hu il-konvenut. Tghid li t-tabib qalilhom li 'she has to sleep it off' u baqghet rieqda sakemm il-konvenut qajjimha l-ghada fl-4am biex tmur tqassam il-gazzetti.

Tghid li l-attrici marret tghix maghha mat-tifla z-zghira u damet maghha ghal madwar sena. Tghid li l-attrici ppruvat tmur lura d-dar izda kienet hazin hafna. It-tabib kien taha Deanxit u Valium ghal flghaxija. Tghid li wara sena tghix ghandha l-attrici kriet flat l-Imsida, bdiet tahdem bhala *salesgirl* u bdiet tqum fuq saqajha. Tghid li l-attrici kienet tmur ghand *Family Therapist* biex tipprova ssalva s-sitwazzjoni u anke ghand qassisin.

L-**attrici** tixhed bil-mezz tal-affidavit (fol 474) u tghid inter alia, illi huma kellhom erbat itfal izda t-tieni wiehed twieled mejjet. Tghid li l-problemi bejniethom bdew mill-bidu nett minhabba l-karattru abusiv tal-konvenut. Tghid li dejjem kien jara x'jaghmel biex ikissirha psikologikament, dejjem ossessiv u possessiv. Tghid li qatt ma taha ebda support u anke meta t-tifla z-zghira kellha kancer, qatt ma kien prezenti u wera xi interess. Tghid li t-tieni wild dam erba` gimghat mejjet gewwa fiha qabel ma wellditu u l-konvenut ma kienx iqatta` hin id-dar u ma taha ebda ghajnuna emozzjonali jew fizika. Tghid li anke meta welldet lil wild mejjet, hu halliha wahedha, kemm gie jiffirma c-certifikati tat-twelid u tal-mewt.

Tghid li meta regghet harget tqila, hija marret ghand ohtha Jennifer biex ikollha l-ghajnuna, izda meta harget tqila ghar-raba` darba, l-konvenut kien qalilha li ma kienu sejrin imkien u ghalhekk hija kellha tibqa` d-dar mugugha u b'riskju kuljum li titlef it-tarbija. Tghid li b'konsegwenza ta' dan xpakkalha l-utru.

Tghid li minhabba l-karattru possessiv tieghu, hu qatt ma riedha tahdem u kien jiddejjaq sahansitra meta kienet tmur ma' zitha taghmel ir-raggi, izda minhabba t-tfal dejjem qaghdet ghalih. Fis-sena 2003 hija ndunat li l-konvenut kellu x'jaqsam ma' persuna ohra meta gie lura mix-xoghol u rat il-parti intima tieghu imdellka u bit-tissues, u minn dakinhar ma kellhiex x'taqsam iktar mieghu u s-sitwazzjoni taghhom iddeterjorat. Hi waqghet f'depression qawwija u fuq struzzjonijiet ta' Dr Anthony Felice marret tghix ghand ohtha.

Tghid li fil-mori tal-proceduri hija saret taf li l-konvenut kien spicca mill-impieg li kellu u beda jinnegozja l-karozzi. Tghid li hi qatt ma kienet involuta f'ebda tip ta' negozju kemm qabel ma sseparaw de facto u lanqas wara.

Tghid li saret taf li nghatat sentenza fl-ismijiet Michael Attard Ltd vs C B fejn il-Qorti ikkundannat lill-konvenut ihallas is-somma ta' €124,068.88 rapprezentanti l-import ta' 313-il kambjala, liema kambjala hi mhux biss ma ffirmathomx izda lanqas biss kienet taf bihom. Tghid li nghatat xokk iehor meta saret taf li d-dar matrimonjali kienet ser tinbiegh bis-subbasta. Tghid ukoll li saret taf li hemm xi 300 kambjala ohra li ghadhom ma skadewx. Tghid ukoll li l-konvenut jiftahar ma' terzi illi qed jaqla hafna flus, izda mbaghad jixhed illi mhux qed jahdem u lanqas jirregistra.

Tixhed ukoll il-**psikologa Ingrid Grech Lanfranco** li tghid fost affarijiet ohra illi l-attrici kienet pazjenta taghha fis-sena 2004/2005 u marret ghandha wara tentattiv biex tnehhi hajjitha. Tghid li kienet waslet f'punt fejn l-attrici ma kinitx iktar disposta takkomoda dejjem il-bzonnijiet tar-ragel u t-tfal. Tghid li milli setghet tifhem, hija ddedikat ruhha ghar-ragel u ghat-tfal minghajr ma tat kaz tal-bzonnijiet taghha, u setghet tara li kienet genwina. Tghid li d-decizjonijiet li hadet l-attrici ma hadithomx kapriccozament u ma kienx hemm involviment ta' terzi persuni f'hajjitha f'dak iz-zmien, izda kien mument ta' krizi. Tghid li kienet tilmenta li r-ragel ma kienx jifhimha u anke meta kellha *still birth* ir-ragel ma kienx taha appogg. Tghid li hija bdiet tiehu passi biex tiehu kontroll ta' hajjitha, per ezempju bdiet tahdem u anke telqet lir-ragel. Tghid li hija kienet tattendi regolarment u ghall-bidu bdew bhala koppja imbaghad ir-ragel ma kienx kompla jattendi u kompliet tahdem mal-attrici. Tghid li t-tbatija li kienet ghaddejja minnha l-attrici kienet reali u ma kellhiex ghalfejn tiddubita mis-sincerita` taghha.

Xehed **Michael Attard** li pprezenta 16-il rendikont (Dok MA1-MA16 a fol 707 et seq) u jghid li l-karozzi kollha li biegh lill-konvenut, tahomlu bid-dejn. Jghid ukoll li l-kambjali gew iffirmati mill-konvenut izda mhux mill-mara tieghu.

Ipprezenta l-istatements kollha ta' kif hallas il-konvenut u kopja tal-ircevuti a fol 761 et seq. Jixhed illi mhux il-vetturi kollha tal-konvenut inxtraw minghandu. Jghid ukoll illi il-kambjali ffirmahom il-konvenut u peress illi kien qallu li ma

kienx ghadu mal-mara ma kienx talab li tkun prezenti l-mara, izda ma talbux dokumenti biex juri li ma ghadux mal-mara. Jghid li dak iz-zmien ma ndagax dwar l-istatus tieghu ghaliex kienu mexjin tajjeb. Jghid li recentement ipprezenta ittra ufficjali kontra C u A B dwar il-kambjali li ghalqu u ghadhom ma thallsux ghall-ammont ta' €102,107.36 u jghid li fadal bilanc totali ta' €275,757.76. Jghid li sar jaf bis-sitwazzjoni bejn il-partijiet wara li rcieva l-ewwel tahrika. Jghid ukoll li l-vetturi nxtraw fuq medda ta' sentejn u li l-konvenut qallu li nxtraw ghall-kiri. Jghid li ma ha ebda depozitu u l-unika garanzija li kellu kienu l-vetturi stess.

Il-**konvenut** jixhed in subizzjoni u jghid inter alia illi l-polza tal-assigurazzjoni ma' Eagle Star huwa sarrafha u l-flus tahom lit-tifla Gayle qabel ma zzewget. Jghid li ma jafx li l-mara ffirmat u la ffirma ghaliha u lanqas qabbad lil min jiffirma ghaliha. Rigward il-Mandat ta' Inibizzjoni 54/10RGM degretat 29 ta' Marzu 2010 jghid li l-vetturi kollha huma wara l-bieb go ghalqa. Kultant johrog wahda. Jghid li hemm 40 karozza u ma jikrihom lil hadd. Jghid li ma ghandux licenzja biex jikri u lanqas ma hu rregistrat mad-Dipartiment tal-VAT biex jikri l-karozzi. Jghid li kellu VAT number izda nehhih. Jghid li ma jahdimx u li l-vetturi kollha bid-dejn, kien ibiegh vettura u jhallas lil Michael Attard izda issa ma jista` jbiegh xejn. Jghid li hu kien itih karozzi b'xejn bil-quddiem, hu jirrangahom u jbieghhom imbaghad ihallsu. Jghid li l-karti qieghdin ghand Michael Attard u ma jistax jghid b'kemm bieghhomlu. Jghid li kien biegh bejn 3 u 4. Jghid li gieli krihom ukoll, l-aqwa li jaqla` lira biex jitma lill-familja. Bhalissa ma jafx kemm ghandu karozzi mikrijin. Jghid li jahdem wahdu u ma jahdem ma hadd biex jikrihom. Jghid li jista` jkun ghandu vetturi mikrijin lill-kumpaniji tal-gaming. Jghid li jikrihom bl-€10 kuljum u huma hbieb tieghu jismu Hugh Owen jahdem mal-gaming companies u jikrihom lilu personali. Jghid li ghandu ghaxra mikrijin. Jghid li wahda mikrija lil Sabrina Robin li toqghod tas-Sliema. Mistoqsi ghandux relazzjoni maghha jghid li le, huma qaghdu f'Villa flimkien ma' hutu u n-nisa taghhom inkluz it-tfal tieghu stess u jghid li ilu ma' din il-habiba kemm ilha Malta xi sentejn.

Xehed illi kellu numru tal-VAT xi hames snin ilu u kien jehodlu hsieb kollha l-accountant Edward Engerer ta' l-Imsida. Jghid li kien ilu xi sbatax-il sena bil-ktieb tal-VAT u kien jahdem mal-Union Press, izda ilu wieqaf xi erba` jew hames snin u daqshekk ilu minghajr xoghol. Jghid li ma jahdimx ma' Abela Upholstery.

In kontro-ezami l-konvenut xehed illi mhux qed jahdem u mhux qed ihallas lil Michael Attard ghaliex il-karozzi hadhom. Jghid li ma ghandu ebda introjtu izda jlaqqat, daqqa jbajjad u kien qieghed ibajjad lit-tifel u jghaddilu l-ilma u kien qed ihallsu xi haga.

Jghid li d-dar matrimonjali qieghdha ghall-bejgh bis-subbasta biex tkopri l-bilanc tad-dejn ma' Michael Attard.

**Provi konvenut**

Il-**konvenut** xehed bil-mezz ta’ affidavit. Jghid illi huwa ltaqa` mal-attrici meta kellha 14-il sena. Jghid li dejjem hadem ghall-familja u ghamel mill-ahjar li seta`. Jghid li fil-bidu kienu jikru post zghir l-Imsida izda imbaghad meta twieldet it-tifla marru jghixu go post ikbar ghaliex huh kien sejjer lejn l-Ingilterra u kienu xtraw il-post tieghu. Jghid li kien jaghti lill-attrici flus f'idejha u ma kienux iqassmu l-ispejjez. Jghid li hi ma tantx kienet tghinu ghax kienet tohrog mid-dar fis-sebgha ta' filghodu u tirritorna fl-ghaxra ta' flghaxija. Jghid li d-dar inxtrat bis-sahha tieghu u hu kien ha hsieb xtara ftit ghamara u kien biegh bowser tal-ilma li kellu biex jixtri l-kcina.

Jghid li sar jaf li z-zwieg tieghu spicca meta kien hemm incident li martu belghet xi pilloli u kienet marret tghid lill-mara ta' huh li z-zwieg taghhom kien spicca. Jghid li kien mar ghaliha u hadha lura d-dar mieghu. L-ghada kienet harget mieghu tghinu jqassam il-gazzetti qisu xejn ma hu xejn. Jghid li wara dan l-incident l-attrici kienet marret ghand ohtha Jennifer u hemmhekk gabulha t-tabib li qal li l-attrici ma tistax toqghod wahedha. Jghid li minn dakinhar ma rahiex izjed id-dar.

Jghid li f'dak il-perijodu l-attrici kienet marret tghix ma' ohtha ghal xi ftit zmien u ftit wara sar jaf li qeghdha ma' ragel iehor. Jghid li dan ir-ragel l-ewwel krielha post imbaghad meta hassar minn mal-mara tieghu, marret tghix mieghu. Jghid li meta kellha din ir-relazzjoni kienet marret lura d-dar biex tiehu x’affarijiet fosthom dehebijiet u c-curkett trilogy li kien ghadu kemm xtralha, u jghid li l-attrici u dan ir-ragel kienu siefru flimkien bil-karozza tieghu.

Jghid li wara li l-attrici telqet lil dan ir-ragel bdiet tohrog ma' ragel iehor Mario Fenech li kien jahdem ma' Phoenix Property u warajh bdiet tohrog ma' Adrian Bajada. Jghid li l-attrici u dan Adrian Bajada kienu joqghodu flimkien u t-tfal ma riedu jmorru joqghodu ma' ommhom bl-ebda mod.

Jghid li meta t-tfal semghu li ommhom ma kinitx sejra lura d-dar kienu haduha bi kbira hafna. Huma qatt ma raw glied bejniethom u qatt ma rawh jghajjat mal-attrici jew joffendiha, ma huwiex dak it-tip ta' bniedem. Jghid li ma huwiex minnu li kien jghir ghaliha, anzi kien ihalliha taghmel li trid. Kien isaqsiha ghaliex kienet tqatta` dawk is-sighat kollha barra ghax kien jinkwieta ghaliha. Jghid li kienet hi li rieditu jahdem bil-lejl.

Jghid li sa sentejn ilu kienu jghixu mieghu it-tfal bl-gharajjes b'kollox u hu kien ihallas l-ispejjez kollha. Jghid li kien impjegat f'zewg postijiet differenti biex ilahhaq, u l-attrici qatt ma ghenitu. Jghid li wara li telqet mid-dar kien taha Lm350

biex taghmel kors tax-xaghar u Lm50 biex taghmel kors ta' *facilitator*, kif ukoll meta kissret il-karozza, hu kien hallasielha bil-licenzja u l-insurance. Jghid lil Julian u Gail kien jiffinanzjalhom kollox hu sa sentejn ilu, mentri lil Kristina jiffinanzjalha hajjitha. Ic-*childrens' allowance* kienet tehodha l-attrici izda ma kinitx tuzaha ghal Kristina ghax kien ihallsilha dejjem kollox hu.

Jghid li kienet l-attrici li kissret iz-zwieg ghaliex hu dejjem ghamel sagrificcji biex jghixu hajja komda. Jghid li l-attrici ma ghamlitx hilitha biex tirranga z-zwieg taghhom u telqet mid-dar minghajr ma kellmitu dwar il-problemi taghha u qatt ma avvicinatu biex isibu soluzzjoni. Jghid li l-attrici kkomettiet adulterju u abbandunat lilu u lil uliedhom.

Xehed **Victor Bonnici**, prim kugin tal-konvenut li jghid inter alia li darba fil-gimgha kien imur ghand il-partijiet u qatt ma raha xejn barra min-normal, ebda animozita` jew ghajjat izda armonija shiha. Jghid li darba rcieva telefonata li l-attrici kienet telqet u kien mar biex jipprova jsalva s-sitwazzjoni u sab lill-konvenut fi stat hazin u t-tfal sorprizi hafna. Jghid li ltaqa` mal-attrici iktar minn darba u r-risposta taghha kienet tkun 'tghidli xejn ghax ma rridx naf'. Jghid li wara xi zmien regghet marret lura d-dar izda mbaghad kienet telqet. Jghid li minn dak iz-zmien raha lill-attrici dejjem wahedha u sa fejn jaf hu l-konvenut ma kellu ebda relazzjoni ma' xi hadd izda hbieb.

Xehed **Mario B**, hu l-konvenut li jghid inter alia li qabel ma nfirdu qatt ma kien innota xi haga hazina bejn il-partijiet. Jghid li meta telqet mid-dar l-attrici marret tghix ma' ohtha Jennifer izda huwa jaf li filfatt marret tghix ghand persuna kunjomu Fenech.. Wara ftit marret tghix ma' Adrian Bajada u ghamlet tliet snin mieghu. Jghid li jaf ghax kien isegwiha. Warajh kellha relazzjoni ma' Jimmy Gatt li tghix mieghu sallum. Jghid li ghandu hanut ix-xatt tal-Imsida u gieli jghaddi bil-lejl u jarahom barra.

Xehed **Mario Fenech** li jikkonferma li kellu relazzjoni mal-attrici mis-sena 2004 sa madwar l-ahhar tas-sena 2005. Jghid li hi kienet ghadha tibda s-separazzjoni taghha u wara ftit marret tghix mieghu flimkien mat-tifla z-zghira. Jghid li qaltlu li qatt ma kellha relazzjoni qablu.

Xehed **Adrian Bajada** li jghid li kellu relazzjoni mal-attrici bejn is-sena 2003/4 sas-sena 2010. Jghid li meta bdew ir-relazzjoni kienet qaltlu li qed tissepara minn ma' zewgha u li qed tghix ma' ohtha Jennifer. Jghid li ghal bidu li bdew johorgu flimkien kienet thalli lit-tifla Kristina rieqda ghand ohtha u l-ewwel darba li gew wicc imb'wicc mal-konvenut hi kienet hadet qata` ghax il-konvenut ma kienx jaf li kienet qed thalli lit-tifla. Jghid li meta marret tghix mieghu, it-tifla z-zghira marret tghix mal-konvenut u hutha l-ohra. Jghid li kienet qaltlu li qablu kellha relazzjoni ma' Mario Fenech. Jghid li kienet tghidlu li l-konvenut ma kien ihalliha nieqsa

minn xejn izda kien possessiv u jissuspetta hafna minnha. Jghid li wara seba` snin l-attrici telqitu ghaliex il-mara li kellu abbandunat lit-tfal tieghu u hu kien dahhalhom jghixu god-dar tieghu. Jghid li l-attrici kienet goffa mat-tfal tieghu u sahansitra ghajjret lit-tifel tieghu 'bla bajd'. Jghid li r-relazzjoni tal-attrici mat-tfal taghha kienet limitata hafna specjalment fis-sajf u kienet tarahom sporadikament hafna.

Xehdet l-**attrici** in subizzjoni fejn ikkonfermat li kellha relazzjoni ma' Jimmy Gatt, Adrian Bajada u Mario Fenech, izda mhux fiz-zmien li kienet mal-konvenut. Meta telqet mid-dar it-tfal kellhom 18, 15 u 8. Tghid li ghall-bidu z-zghira kienet marret maghha ghand ohtha izda xi zmien wara urietha x-xewqa li tmur ma' hutha u ghalhekk marret tghix maghhom. Tghid li dak iz-zmien ma kinitx tahdem u ma kellhiex minn fejn thallas manteniment. Tghid li qabel it-tqassim tal-karozzi l-konvenut kien jikri l-karozzi izda dan in-negozju kien telqu u rega` qabdu wara li hi telqet mid-dar. Tghid li ilha tahdem mis-sena 2006 u qed tahdem bhala *sales person* go hanut tal-hwejjeg. Tghid li meta telqet mid-dar hadet ftit mill-hwejjeg maghha u gojelli ma kellhomx ghax kienu serquhom. Tghid li biex xtraw id-dar kienu sselfu xi haga minghand missier ir-ragel ta' ohtha Sunny Azzopardi li thallas, kif ukoll mill-Bank. Tghid li kienu bidlu l-kcina mill-flus li tahom missierha fil-Milied u kienu ghamlu poggaman. Bhala struttura ma biddlu xejn. Il-pagamenti tal-Bank kienu jithallsu mill-paga ta' C u ma tafx jekk ghadx fadal dejn mal-Bank. Tghid li l-konvenut kien jghaddilha c-cekk tal-paga tieghu u hi kienet tqassam, u kif telqet mid-dar ma baqax jghaddihulha. Tghid li dak li talbet huwa nofs il-valur tad-dar.

In kontro-ezami tghid li kienet imdejqa mal-konvenut anke qabel it-tfal izda xorta kellha t-tfal ghaliex il-pilloli ta' kontracezzjoni ma kinux jaqblu maghha. Tghid li missierha ghat-tieg kien taha l-flus li bihom xtrat id-dining room u l-kcina. In ri-ezami tghid li meta telqet mid-dar kien fadal bilanc mil-home loan li ma tafx jekk thallasx.

**Julian B**, iben il-partijiet, jixhed bil-mezz tal-affidavit (fol 489) u jghid inter alia, illi xi ghaxar snin qabel, huwa kien mar lura d-dar mill-iskola u sab lil ohtu l-kbira tibki u qaltlu li ommhom kienet telqet mid-dar u ma kinitx sejra lura. Meta kriet il-post tal-Imsida kienet staqsietu jekk riedx imur jghix maghha, izda l-post kien *one bedroomed* u ghalhekk hu u ohtu Gail ippreferew jibqghu mal-konvenut.

Jghid li ftit wara ghall-Milied, ommu kienet giet lura d-dar izda mbaghad regghet telqet. Jaf li wara li telqet mid-dar hija kellha *boyfriend*. Qabel ma telqet mid-dar huwa ma kienx konxju ta' xi problemi bejn ommu u missieru. Jghid li ghalkemm seta` kien hemm xi drabi fejn kien jonqosha xi ftit, huwa ma kienx aggressiv jew vjolenti. Jghid li wara li telqet mid-dar kien jaraw lil ommhom xi darba jew

darbtjen u ghalkemm ma kinux ferhanin daqs kemm meta ommhom kienet id-dar, ir-relazzjoni maghha kienet u ghadha wahda tajba,

Tixhed ukoll bint il-partijiet **Kristina B** bil-mezz tal-affidavit (fol 490) u tghid illi xi ghaxar snin qabel kienet marret lura d-dar u ma sabitx lil hutha, kien hemm biss missierha u zitha Janet. Tghid li zitha kienet staqsietha jekk riditx tghix mal-papa` jew mal-mama` u hi kienet iddecidiet li tmur tghix ma' ommha ghand ohtha Michelle.Tghid li mbaghad ommha bdiet tahdem u sabet boyfriend u hi u ommha marru jghixu ghand dan il-boyfriend. Tghid li mbaghad dan il-boyfriend kien ghamel hsara lill-karozza ta' ommha u kienet telqitu u kienu marru jghixu go flat l-Imsida. Tghid li ftit zmien wara hija rrangat mieghu u riedet terga` tmur tghix ghandu izda hi ma riditx u baqghu l-Imsida. Wara xi zmien kienu marru joqghodu ghand ohtha l-ohra Jennifer u mbaghad l-attrici sabet boyfriend iehor u kienu jmorru jorqdu ghandu fil-weekends. Tghid li wara li telqet it-tieni boyfriend hi kienet regghet marret tghix ma' ommha ghand ohtha Jennifer izda mbaghad iddecidiet li tmur tghix ghand missierha biex tkun ma' hutha. Tghid li ghandha relazzjoni tajba maz-zewg partijiet.

Waqt is-seduta tal-11 ta' Gunju 2014, jixhdu in kontro-ezami t-tfal tal-partijiet Julian B u Kristina B. **Julian B** jghid inter alia illi r-relazzjoni ta' bejn il-genituri tieghu kienet normali, gieli kienu jiggieldu izda mbaghad jaghmlu paci. Jghid li b'referenza ghal dak li qal li missieru kien jonqosha xi ftit ried ifisser li ma kienx ifissidha bizzejjed u mill-mod kif jitrattata, kellu nuqqas ta' *charm.* Jghid li sar jaf li missieru kien jiddejjaq li kienet tohrog ma’ hutha ghax qaltilhom hi stess. Jghid li ommu stess qaltlu li kellha boyfriend. Jghid ukoll li ghandu relazzjoni tajba maz-zewg genituri.

**Kristina B** in kontro-ezami tixhed li meta ommha telqet mid-dar kellha seba` snin. Tghid li ghazlet li tmur tghix ma' ommha ghand zitha Michelle. Tghid li lill-genituri taghha qatt ma rathom jiggieldu. Tghid li xi zmien wara kienu kellmuha ommha u zitha u hi ddecidiet li tmur tghix ghand il-papa`. Tghid li ghadha tghix hemm sallum u ghadha qed tistudja u tahdem part-time. Tghid li missierha ghadu jmantniha. Tghid li missierha jhallas il-kontijiet u l-ikel u jtiha pocket money wkoll. Iddikjarat li sa fejn taf hi missierha bhalissa ma jahdimx, filghodu jkun il-garage taz-zijiet u wara nofs in nhar ikun id-dar.

**Ikkunsidrat:**

**Provvedimenti tal-Ligi Applikabbli ghal Kaz**

Issir referenza ghall-artikoli tal-ligi l-aktar rilevanti ghall-kaz in ezami:-

Artikolu 3 tal-Kap. 16:

*'Il-partijiet fiż-żwieġ għandhom l-obbligu, kull waħda minnhom skont il-mezzi u l-ħila tagħhom, li jaħdmu kemm jekk fid-dar kif ukoll barra mid-dar kif jinħtieġu l-interessi tal-familja, li jmantnu lil xulxin u li jikkontribwixxu għall-ħtiġiet tal-familja.'*

Artikolu 38 tal-Kap. 16 :
*'Kull parti mizewwga tista' titlob il-firda minhabba l-adulterju tal-parti l-ohra.'*

Artikolu 40 tal-Kap. 16:
*'Kull wahda mill-persuni mizewgin flimkien tista' titlob il-firda minhabba eccessi, mohqrija, theddid jew offizi gravi tal-parti l-ohra kontra l-attur, jew kontra xi wiehed jew iehor mit-tfal tieghu, jew minhabba li l-hajja flimkien ma tkunx ghadha possibbli ghax iz-zwieg ikun tkisser irremedjabilment.'*

Artikolu 41 tal-Kap. 16:
*'Kull wahda mill-partijiet mizewga tista' ukoll titlob il-firda jekk,ghal sentejn jew izjed, tkun abbondonata mill-ohra, minghajr raguni tajba.'*

Artikolu 48 tal-Kap 16:

*(1) Il-parti, ir-ragel jew il-mara, illi tkun hatja tal-firda ghal wahda mir-ragunijiet msemmijin fl-artikoli 38 u 41 titlef-*
*(a) il-jeddijiet msemmijin fl-artikoli 631,633, 825,826 u 827;*[1]
*(b) dak kollu li tkun kisbet mill-parti l-ohra b'donazzjoni bi hsieb taz-zwieg, jew waqt iz-zwieg, jew taht titolu iehor gratuwitu;*
*(c) kull jedd ta' parti mizzewga ghan-nofs tal-akkwisti illi jkunu saru l-aktar bil-hidma tal-parti l-ohra wara data stabbilita mill-qorti bhala d-data meta l-parti ghandha tkun kunsidrata li minnha tkun hatja tal-firda. Ghall-finijiet ta' dan il-paragrafu biex jigi determinat jekk akkwist ikunx sar l-aktar bil-hidma ta' wahda mill-partijiet fiz-zwieg, ghandhom jitqiesu l-kontributi b'kull mod taz-zewg partijiet skont l-artikolu 3;*
*(d) il-jedd li iggieghel lill-parti l-ohra,f'kull kas, li taghtija l-manteniment bis-sahha tal-obbligu li jitnissel miz-zwieg.*
*(2) Il-hwejjeg imsemmijin fis-subartikolu (1)(b) jergghu jmorru ghand il-parti l-ohra, u l-akkwisti imsemmijin fil-paragrfu (c) ta' dak is-subartikolu jibqghu kollha ghal din il-parti, bla hsara tal-jeddijiet li l-ulied jew terzi persuni ohra jkunu kisbu fuq dawk l-istess hwejjeg qabel ma is-sentenza tal-firda tkun giet imnizzla fir-Registru Pubbliku.'*

Artikolu 55 tal-Kap. 16:

---

1 Artikoli 825, 826 u 827 gew imhassra bl-Att XVIII.2004.86

*'(7) Il-qorti tista' izda, meta fil-fehema taghha c-cirkostanzi hekk jehtiegu, tordna li l-beni li jkunu parti mill-komunjoni ma jinqasmux qabel ma jghaddi dak iz-zmien wara li tispicca l-komunjoni li tista' fl-ordni tistabbilixxi.*

*(8) Kull ordni moghti mill-qorti skont is-subartikolu (7), jista'ghal raguni tajba, jinbidel jew ikun revokat mill-qorti.'*

Artikolu 55A tal-Kap. 16:
*'(1) Meta taghti s-sentenza tal-firda, il-qorti ghandha, fuq talba ta' xi wahda mill-partijiet, tordna skont ic-cirkostanzi:*
*(a) li xi parti minnhom ghandha toqghod fid-dar taz-zwieg, ad eskluzjoni tal-parti l-ohra, u ghal dak il-perjodu u taht dawk il-kondizzjonijiet li l-qorti jidhrilha xierqa;*
*(b) li d-dar taż-żwieġ għandha tinbiegħ, fejn tkun sodisfatta illi ż-żewġ partijiet u uliedhom ser ikollhom akkomodazzjoni oħra xierqa, u li r-rikavat tal-bejgħ għandu jiġi assenjat lill-partijiet kif il-qorti jidhrilha xieraq; jew*
*(ċ) fejn id-dar taż-żwieġ tkun tappartjeni liż-żewġ partijiet, li tassenja d-dar taż-żwieġ lil xi parti minnhom, liema parti jkollha tikkumpensa lill-parti l-oħra għat-telf finanzjarju soffert:*
*Iżda f'kull każ, il-qorti għandha tqis dan li ġej:*
*(a) l-aħjar interess tal-ulied minuri, inkluż l-impatt li jista' jkun hemm fuq l-ulied minuri jekk tilqa' talba magħmula skont dan l-artikolu;*
*(b) il-ġid tal-partijiet u tal-ulied; u*
*(ċ) jekk il-partijiet għandhomx, jew jekk bil-mezzi u l- ħiliet tagħhom jistax ikollhom, post ieħor fejn jgħixu.*

*(2) Il-qorti tista', fuq talba ta' waħda mill-partijiet, tibdel deċiżjoni meħuda minnha skont l-artikolu (1)(a), fejn ikun hemm tibdil sostanzjali fiċ-ċirkostanzi.'*

**Responsabbilta' ghat-Tkissir taz-Zwieg.**

L-attrici tikkontendi illi ghat-tkissir taz-zwieg jahti unikament il-konvenut peress li kien possessiv u abusiv psikologikament, qatt ma taha support psikologiku u fiziku u wkoll minhabba li kellha suspett ta' adulterju da parti tieghu, meta f'okkazjoni minnhom kienet innutat li kellu t-tissues mal-parti intima tieghu meta rritorna mix-xoghol.

Il-konvenut min-naha tieghu jikkontendi illi ghat-tkissir taz-zwieg tahti unikament l-attrici peress li jsostni li hija qatt ma kellmitu jew ppruvat tirranga s-sitwazzjoni ta' bejniethom, izda abbandunat lilu u lil uliedhom billi telqet mid-dar u dahlet f'relazzjonijiet adulteri ma' rgiel ohra.

**Ikkunsidrat;**

Fil-fehma tal-Qorti l-inkwiet bejn il-partijiet kien ilu ghaddej, sew qabel ma sehhew l-ahhar episodji meta l-attrici hadet il-pilloli u eventwalment telqet mid-dar matrimonjali. Jirrizulta sodisfacentement ippruvat mill-provi mressqa mill-attrici illi l-agir tal-konvenut fil-konfront tal-attrici fuq medda ta' snin jammonta ghal sevizzi u eccessi. L-ossessjoni tieghu li jikkontrolla assidwament il-hajja tal-konvenuta kien tali li jirrendi l-hajja ta' komunjoni matrimonjali impossibbli. Abbinat dan ma' episodji qawwija fil-hajja tal-partijiet meta tilfu t-tarbija taghhom wassal iz-zwieg tal-partijiet ghal kollass totali irrekuperabbli. Huwa evidenti illi meta l-attrici l-aktar kellha bzonn l-ghajnuna ta' zewgha specjalment meta tilfet it-tarbija il-konvenut ma kienx hemm biex jaqdi d-doveri tieghu ta' konjugi versu l-attrici. .

Rigward l-allegat adulterju tal-konvenut, din il-Qorti tosserva illi kif gie diversi drabi ripetut mill-Qrati taghna, huwa difficli hafna li wiehed igib prova definittiva illi sar l-adulterju, u stante s-serjeta` tal-akkuza, min qieghed jallega l-adulterju jrid jipprova dan permezz ta' indizji u prezunzjonijiet, li jridu jkunu precizi, gravi, konkordanti u univoci biex b'hekk ma jhallu ebda dubju f'min ghandu jiggudika [vide per ez App. **A Bartolo vs Joseph Bartolo** deciza fit-30 ta' Settembru 2011].

Fil-kaz odjern is-semplici allegazzjoni jew ahjar, suspett da parti tal-attrici, li ma giet korroborata b'ebda prova gravi u univoka dwar il-prezunta infedelta` tal-konvenut, ma hijiex bizzejjed sabiex tnissel f'din il-Qorti il-konvinzjoni morali necessarja.

Ghall-kuntrarju l-adulterju tal-attrici gie ppruvat u hija tixhed *ex admissis* li kellha relazzjonijiet ma' tliet irgiel ohra wara li abbandunat id-dar matrimonjali. Ghalhekk il-Qorti qed tiddeciedi illi gie sodisfacentement ippruvat li l-attrici rrendiet ruhha hatja ta' abbandun u adulterju.

Il-Qorti hi tal-fehma li z-zwieg bejn il-partijiet, li kien ikaratterizzat minn nuqqas ta' komunikazzjoni qawwija, tkisser irrimedjabbilment tort taz-zewg partijiet. Minn naha wahda, il-komportament possessiv u n-nuqqas ta' support morali tal-konvenut fil-konfront ta' martu, li fuq bazi ripetuta u abitwali jikkostitwixxi sevizzi u ngurji fit-termini tal-Artikolu 40 tal-Kap.16, u min-naha l-ohra l-abbandun u l-konsegwenti adulterju da parti tal-attrici. Filwaqt li fir-rigward tal-attrici l-adulterju ripetut taghha jwassal ghall-applikazzjoni awtomatika tas-sanzjonijiet kontemplati fl-Artikolu 48 tal-Kap 16,; fir-rigward tal-konvenut ir-responsabbilita' tieghu minhabba sevizzi u ngurji jaghti lill-Qorti id-diskrezzjoni jekk tapplikax fil-konfront tieghu tali sanzjonijiet. Fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz b'mod partikolari minhabba li s-sevizzi u l-ingurji gravi da parti tal-konvenut fil-konfront tal-attrici ma kienux xi incident izolat izda kommessi fuq medda ta' snin, il-Qorti b'applikazzjoni tal-Artikolu 51 tal-Kap. 16 il-Qorti qed

tikkommina kontra l-konvenut is-sanzjonijiet kontemplati fl-Artikolu 48 tal-Kap 16.

Il-Qorti qed tiddeciedi l-1 ta' Ottubru 2003 bhala d-data li fiha z-zewg partijiet ghandhom jigu kkonsidrati responsabbli ghat-tkissir taz-zwieg taghhom.

**Manteniment**

Filwaqt li ai termini tad-decizjoni ta' din il-Qorti fir-rigward tar-responsabbilta` ghat-tifrik taz-zwieg u l-konsegwenti sanzjoni applikata fil-konfront taz-zewg partijiet, ebda manteniment ma hu dovut bejn il-partijiet, din il-Qorti tinnota illi skont ix-xhieda mhux kontradetta ta' bint il-partijiet Kristina B, li llum ghandha madwar ghoxrin sena, hija ghadha tistudja u fl-istess hin tahdem *part-time.*

Din il-Qorti ma tistax ma tosservax illi minkejja t-talba tal-konvenut ghal manteniment ghal bintu, huwa ma jipprovdi ebda hjiel tal-quantum li qed jippretendi jew tal-ispejjez li qed jinkorri ghaliha. Huwa minnu wkoll illi mis-sena 2006 meta nbdew il-proceduri sal-lum, is-sitwazzjoni inbidlet b'tali mod li t-tfal kollha lehqu l-eta` magguri u l-izghar wahda biss ghadha tiddependi fuqu. Jibqa` l-fatt li in kwantu t-tifla qed tghix mal-missier u ghadha tistudja, l-attrici hija fl-obbligu li tikkontribwixxi ghall-manteniment taghha sakemm taghlaq l-eta` ta' 23 sena jew tibda tahdem full time, skont liema tigi l-ewwel.

**Likwidazzjoni u Divizjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti**

***Dar Matrimonjali***

Jirrizulta inkontestat li d-dar matrimonjali nxtrat mill-partijiet fiz-zwieg u allura tifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti. Il-Qorti rat li waqt l-udjenza tas-26 ta' Frar 2015, il-partijiet qablu illi d-dar matrimonjali ghandha tigi stmata fil-presenza taz-zewg partijiet, bir-rizerva da parti tal-konvenut illi dak miftiehem kien qieghed isir fid-dawl tal-proceduri ta' subbasta fuq l-imsemmija dar istitwiti minn kreditur tal-partijiet, u fl-assenza ta' dawk il-proceduri, il-posizzjoni tal-konvenut hija li d-dar ma ghandhiex tinbiegh.

Din il-Qorti tosserva wkoll li jirrizulta mix-xhieda tal-partijiet illi hemm *home loan* gravanti fuq id-dar matrimonjali. Ghalkemm din il-Qorti tosserva li l-partijiet ma pprezentawx rendikonti recenti dwar dan, minn Dok AG12 a fol 235 jirrizulta li sa l-1 ta' Jannar 2007, il-bilanc fuq dan il-loan kien ta' Lm4899.85. Jirrizulta nkontestat, anzi kkonfermat mill-attrici stess, illi l-pagamenti fuq dan il-loan baqa` jaghmilhom il-konvenut wahdu anke wara li hija telqet mid-dar konugali, u ghalhekk l-istess konvenut ghandu jigi kumpensat ghall-istess hlasijiet.

Waqt is-seduta tat-12 ta' Dicembru 2013, Dr Chris Grima ghall-attrici informa lill-Perit Legali li nghataw zewg sentenzi wahda fl-ismijiet Michael Attard Limited vs C B deciza 19 ta' Lulju 2013 li giet appellata, u ohra fl-ismijiet A B vs C B deciza 30 ta' Mejju 2013 li saret res judicata, li jitrattaw id-dejn ikkuntrattat mill-konvenut ma' Michael Attard Limited ghandux jagrava l-komunjoni tal-akkwisti (fol 1020 et seq).

Il-Qorti rat ukoll illi b'sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-5 ta' Dicembru 2014, fl-ismijiet **Michael Attard Limited vs C B**, gie deciz illi in kwantu l-kawza ad hoc li A B fethet fit-13 ta' Marzu 2012 (rikors 272/12), li fiha talbet dikjarazzjoni li zewgha hu wahdu responsabbli ghad-dejn kollu li ghamel ma' Michael Attard Limited, giet deciza mill-Prim Awla fit-30 ta' Mejju 2013, b'dan li t-talba taghha giet michuda, allura gie kkonfermat li d-dejn ta' zewgha ma' Michael Attard Limited kien dejn tal-komunjoni tal-akkwisti. In kwantu dik is-sentenza ghaddiet in gudikat, allura, torbot lill-partijiet u lill-Qorti.

Bl-istess mod, dak il-gudizzju jorbot ukoll lil din il-Qorti.

Il-Qorti rat li fil-15 ta' Ottubru 2015, l-attrici pprezentat nota bi tliet dokumenti (fol 558 et seq) li juru illi d-dar matrimonjali 'Primrose', Triq Mons Innocenz Zammit, Msida, nbieghet bis-subbasta (nru: 5/2012) b'dan illi Michael Attard Ltd xtara l-istess propjeta` 'animo compensandi' ghall-ammont ta' €105,000. Jidher ghalhekk illi gew ezawriti t-talbiet koncernanti d-dar matrimonjali.

**Mobbli**

*Dghajsa 'Madonna ta' Pinu III'*

Jirrizulta mix-xhieda ta' Dr Gordon Cutajar quddiem il-Perit Legali illi l-konvenut kellu dghajsa bl-isem 'Madonna ta' Pinu III' registrata fuq ismu (fol 97). Ma jirrizultax izda l-valur attwali ta' tali dghajsa. Ghall-ahjar prodediment ta' dan il-gudizzju u ghal finijiet ta' praticita`, din il-Qorti tiddeciedi illi l-konvenut ghandu jigi assenjat id-dghajsa, b'dan illi sehem l-attrici minn tali dghajsa ghandu jaghmel tajjeb ghal kwalsiasi manteniment dovut mill-attrici fir-rigward ta' bint il-partijiet Kristina B kif spjegat taht il-kawzali 'Manteniment'.

*Vetturi*

Mix-xhieda ta' Christopher Darmanin ghall-Awtorita` dwar it-Trasport irrizulta illi l-konvenuta kellha vettura wahda registrata fuq isimha, filwaqt li waqt ix-xhieda ta' Stephen Cachia quddiem il-Perit Legali huwa esebixxa elenku ta' 29 vettura intestata f'isem C B (Dok ADT1 a fol 595 et seq). Rapprezentant tal-ADT esebixxa 36 dokument bid-dettalji ta' 36 karozza privata li huma f'isem il-

konvenut personalment (fol 601 et seq). L-istess xhud xehed illi l-konvenut ma ghandux permess ghal 'public service garage' biex ikun jista` jikri l-vetturi.

Waqt is-seduta tas-17 ta' Jannar 2012, Dr Chris Grima ghall-attrici ipprezenta kopja ta' mandat ta' sekwestru fl-ismijiet Michael Attard Ltd Vs C B ghall-ammont ta' €128,198.83 (mandat 1619/11) (Dok CG1 a fol 990); mandat ta' qbid tal-vetturi hemm indikati (Dok CG2 a fol 987) u kopja ta' sentenza (rikors guramentata 1140/2011) fl-ismijiet Michael Attard Limited vs C B bil-procedura tal-giljottina, li permezz taghha l-konvenut gie kkundannat ihallas is-somma ta' €124,068.88 rapprezentanti import ta' 313 kambjala lkoll skaduti in konnessjoni ma' xiri ta' 'l fuq minn 30 vetturi mixtrija mill-konvenut ad insaputa tal-attrici u minghajr il-kunsens taghha fil-mori tal-kawza odjerna (Dok CG3 a fol 992).

Hija l-fehma ta' din il-Qorti illi l-vettura tat-tip Toyota Starlet bin-numru ta' registrazzjoni JBE-951 li hija registrata fuq isem l-attrici, ghandha tigi assenjata lilha, filwaqt li l-vetturi l-ohra rregistrati fuq xi wahda miz-zewg partijiet, li ma humiex milquta b'mandat ta' qbid, ghandhom jiinbieghu u r-rikavat jinqasam bejn iz-zewg partijiet.

*Polza ta' assikurazzjoni u kontijiet bankarji*

Waqt is-seduta tat-26 ta' Frar 2007, xehdet **Mavourneen Agius** in rapprezentanza ta' Eagle Star Insurance li qalet li tirrizulta polza ta' assigurazzjoni fuq il-hajja ta-konvenut, pledged mal-bank HSBC, li bdiet fil-31 ta' Lulju 1991 u kellha timmatura fil-31 ta' Lulju 2007 b'somma ta' Lm1263, Lm450.49 f'bonuses u terminal bonus li jigi determinat mill-kumpanija fl-ahhar. Regghet xehdet waqt is-seduta tat-8 ta' Marzu 2010 u pprezentat tliet dokumenti Dok MA1, MA2 u MA3, fosthom ittra datata 23 ta' Jannar 2009 indirizzata lill-konvenut, li minnha jirrizulta li l-polza immaturat u gie mibghut maghha cekk fl-ammont ta' €4682.80 (fol 681) Tghid li minn informazzjoni li ghandha d-dokumenti gew iffirmati miz-zewg partijiet.

Skont il-konvenut, din il-polza ssarfet ftit qabel it-tieg ta' bint il-partijiet Gail u huwa taha l-flus lilha. Jghid li l-polza kienet fuq ismu wahdu u huwa ma kienx jaf li kien hemm il-firma tal-mara fuqha. Jikkonferma izda li l-polza ssarfet. Din il-Qorti hija tal-fehma kunsidrata illi l-valur ta' din il-polza ghandha taghmel tajjeb ghal sehem l-attrici mill-pagamenti fuq il-*home loan* tad-dar matrimonjali, u ghalhekk ebda ammont minn tali somma ma hu dovut mill-konvenut lill-attrici.

Rigward il-kontijiet bankarji, din il-Qorti filwaqt li tinnota li ftit giet ipprovduta informazzjoni dwar il-kontijiet f'isem il-partijiet u l-bilanci pendenti[2] hija tal-

2 Waqt is-seduta tas-26 ta' Frar 2007 xehdu Audrey Ghigo in rapprezentanza tal-HSBC (Malta) plc li esebiet rendikonti AG1-AG13 (fol 128 et seq) li jirrapprezentaw rispettivament kontijiet f'isem C B, VISA card f'iem A B u kontijiet komuni bejn iz-zewg partijiet. Xehed ukoll Joseph

fehma illi l-kontijiet komuni ta' bejn il-partijiet ghandha jinqasmu f'ismha ndaqs bejniethom, filwaqt illi l-kontijiet fuq isem kull wahda mill-partijiet ghandhom jigu assenjati lil dik il-parti li fuq isimha jinsab il-kont rispettiv. Din l-assenjazzjoni tinkludi wkoll kwalsiasi *loan accounts* li jista` jkun hemm f'isem il-partijiet.

In vista kemm tat-trapass taz-zmien mid-data tal-abbandun da parti tal-attrici, kif ukoll tal-fatt illi jirrizulta pacifiku mill-provi illi hija diga` hadet bosta affarijiet maghha, kwalsiasi oggetti ohra li jkunu jinsabu fid-dar matrimonjali fil-mument tat-trasferiment u li ma jkunu milquta minn ebda mandat jew gudizzju iehor, ghandhom jigu assenjati lill-konvenut.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddisponi mill-azzjoni billi:

1. Tilqa’ parzjalment l-ewwel talba attrici u tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali ta’ bejn il-partijiet u dan bi htija taz-zewg partijiet b'mod ugwali.

2. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni talba attrici in kwantu bint il-partijiet Kristina hija llum maggorenni.

3. Tichad it-tielet talba attrici u tilqa’ parzjalment it-tmien talba rikonvenzjonali b'dan illi tipprovdi ghall-manteniment ta' bint il-partijiet Kristina skont dak deciz fiz-zewg sezzjonijiet intestati 'Manteniment' u 'Likwidazzjoni u Divizjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti'.

4. Tilqa’ r-raba` talba attrici;

5. Tilqa` parzjalment il-hames talba u tapplika fil-konfront taz-zewg partijiet is-sanzjonijiet kontemplati mill-Artiklu 48 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, b'effett mill-1 ta' Ottubru 2003.

6. Tilqa` s-sitt talba attrici u tiddikjara xjolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet, tillikwida l-istess komunjoni u tordna li l-assi lilha appartenenti jigu assenjati skont dak deciz taht is-sezzjoni intestata 'Likwidazzjoni u Divizjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti'.

7. Tichad is-seba` talba.

8. Tilqa` t-tmien talba.

---

Borg Cardona in rapprezentanza tal-Bank of Valletta plc li esebixxa rendikonti relattivi ghal sitt kontijiet f'isem il-partijiet (Dok JBC1-6 a fol 311 et seq).

9. Tichad id-disa` talba.

Tiddeciedi dwar il-kontro-talba billi tilqa’ l-istess safejn huwa konformi u kompatibbli ma’ dak fuq deciz, filwaqt li tichadha ghall-kumplament.

Bl-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet eccetto l-ispejjez tal-perit legali b’dan illi l-konvenut qed jigi kkundannat ihallas lill-attrici l-ammont li hija hallset bhala parti mill-ispejjez tal-perizja.

**Imhallef** **Deputat Registratur**